PARLAMENT TA' MALTA

IT-TLETTAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 1335

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 93 tat-13 ta' Marzu 2018 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

________________________________

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**INTERPELLANZI MIŻMUMA MILL-ISPEAKER – LEĠIŻLATURA 12**

**10. L-ONOR. KAROL AQUILINA JISTAQSI LILL-ISPEAKER:** Jista' l-Ispeaker jgħid matul il-Leġiżlatura Numru XII (2013-2017) kemm-il mistoqsija parlamentari ġiet meqjusa minnu bħala li ma tistax issir? Jista' jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' dawn il-mistoqsijiet parlamentari u jgħid għal kull waħda minnhom minn min ġiet ippreżentata u x'kienet ir-raġuni li minħabba fiha huwa bħala Speaker iddeċieda li l-mistoqsija parlamentari ma tistax issir?

13.3.2018

**SPEAKER (L-Onor. Anġlu Farrugia):** Minn 33,016 mistoqsijiet parlamentari li ġew preżentati matul it-12-il Leġiżlatura, in-numru ta' mistoqsijiet li ġew miżmuma mis-Sedja kienu 17 li saru mill-Onor. Simon Busuttil. Ir-raġuni li għaliha nżammu kienet li ma kenux jikkonformaw mal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra partikolarment fir-rigward tal-Ordni Permanenti 27(4) li jgħid li:

> "Ma għandhiex issir interpellanza dwar proċeduri f'kumitat
> li ma jkunux tqiegħdu quddiem il-Kamra b'rapport tal-kumitat".

Fl-applikazzjoni tal-Ordni fuq imsemmi s-Sedja żammet il-mistoqsijiet għar-raġuni li l-interpellanzi tal-Onorevoli Membru kienu qed jagħmlu referenza għal korrispondenza li ġiet mibgħuta lill-iSpeaker mis-Sur Giovanni Kessler fit-2 ta' Lulju 2014 għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat dwar il-Privileġġi, liema materja kienet għadha qed tiġi diskussa mill-istess Kumitat.

Is-Sedja tixtieq tinforma lill-Membru li mhix f'pożizzjoni li tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra dokument li nstab li jmur kontra l-Ordnijiet tal-istess Kamra. Madankollu l-Onor Membru jista' jiġi jara dawn id-dokumenti fl-Uffiċċju tal-iSpeaker.

Seduta 93
13.3.2018